MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2006

Rikors Numru. 1107/2005

**Fl-atti tal-kawza fl-ismijiet:**

**Mary Rose Mifsud**

**vs**

**Carmel Borg**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat minn Carmel Borg fis-17 ta' Novembru, 2005, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta illi:

Bis-sahha ta' mandat ta' qbid numru 146/05TM fl-ismijiet Mary Rose Mifsud vs Carmel Borg, datat 23 ta' Settembru, 2005, l-attrici Mary Rose Mifsud qabdet il-vettura Isuzu Gemini numru ta' registrazzjoni *"EAE-739"*;

L-istess mandat ta’ qbid qieghed jikkawza tbatija eccessiva u dan peress illi l-esponenti ghandu l-kura ta’ tlett itfal minuri li jghixu mieghu l-hin kollu. L-esponent minbarra li qieghed ifittex xoghol irid ukoll ilahhaq mal-qadi ta’ kuljum ta’ familja ta’ erba’ (4) kif ukoll ilahhaq mal-bzonnijiet kollha ta’ tlett (3) itfal minuri u *cioe’* l-minuri Sylvan ta’ disa’ (9) snin, Bjorn ta’ hdax-il (11) sena u Inigo ta’ sittax-il (16) sena;

L-esponent ma ghandux hlief din il-vettura u ghaldaqstant ghandu bzonn l-istess vettura sabiex jaqdi d-dmirijiet ta’ omm u missier ghall-istess tfal minuri.

L-esponent ma setghax igib garanzija bankarja sabiex iwaqqa’ l-mandat ta’ qbid surreferit u dan peress illi minkejja li huwa ghandu diversi flejjes fil-banek ta’ Malta, l-istess flus huma maqbudin b’mandat ta’ sekwestru fl-atti ta’ kawza ta’ separazzjoni li ghadha pendenti;

L-esponent umilment jissottometti illi l-hrug ta’ dan il-mandat kien intenzjonat biss sabiex iweggha lill-istess intimat esponenti u dan peress illi l-attrici Mifsud setghet kieku riedet tikkawtela ruhha billi minflokk titlob il-hrug mandat ta’ qbid titlob il-hrug ta’ mandat kawtelatorju ta’ sekwestru u titlob li l-imsemmija vettura ma tinbieghx, jew b’xi mod iehor tigi trasferita lil terzi, filwaqt li thalli l-uzu tal-vettura lill-esponenti;

L-esponent ma jistghax jibqa’ jittallab kuljum l-uzu ta’ vettura minghand shabu jew il-membri tal-familja tieghu u ghandu bzonn disperatament l-uzu ta’ vettura;

Fuq kollox l-esponent ghandu proprjeta’ immobiljari, li hija proprjeta’ parafernali hielsa minn kull piz, li tista’ tforni garanzija adegwata ghat-talbiet ta’ l-attrici Mifsud (u dan kif jemergi mill-kopja tal-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dok. 1);

**Ghal dawn ir-ragunijiet u partikolarment it-tbatija eccessiva li qed isofri l-esponent bil-hrug ta’ dan il-mandat, il-fatt illi l-attrici ghandha rimedji ohra sabiex titutela d-drittijiet taghha, kif ukoll il-fatt illi l-esponenti**

**ghandu proprjeta' ohra sabiex jaghmel tajjeb ghat-talbiet ta' l-attrici Mifsud, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka, *contrario imperio*, d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti li bih laqghet it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' qbid *de quo* u sussegwentament tordna u tawtorizza lill-esponent jiehu lura pussess tal-vettura mertu tal-mandat odjern.**

Rat ir-risposta ta' Mary Rose Mifsud fejn, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi bl-esekuzzjoni ta' mandat ta' qbid kawtelatorju numru 146/05 mahrug fuq talba tal-intimata (attrici fil-kawza bejn l-istess partijiet, citazzjoni numru 326/05), giet elevata vettura tat-tip Isuzu Gemini numru EAE-739. Ir-rikorrent qed jitlob ir-revoka tal-mandat peress li ghandu bzonn il-vettura biex jiehu hsieb it-tfal tieghu minuri, u anke ghalhiex qed jofri garanzija alternattiva, li hu *garage* li xtara b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar tal-14 ta' Gunju, 1985.

Fir-rigward tal-kawzali li l-qbid tal-vettura qed tikkawza lilu u l-familja tieghu *"tbatija eccessiva"*, il-Qorti tinnota li l-provediment tal-artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jelenkax raguni ta' tbatija jew bzonn bhala wahda mir-ragunijiet ghar-revoka, *in toto* jew *in parte*, ta' mandat kawtelatorju. Kull mandat kawtelatorju, ftit jew wisq, jikawza tbatija jew sofferenza fuq l-allegat debitur, izda dan mhux bizzejjed biex jithassar mandat; kieku kellu jigi accettat dan l-argument, kull mandat kawtelatorju jithassar ghax is-sekwestru ta' oggetti li jappartjenu lill-allegat debitur iwassal, sa certu punt, ghall-inkonvenjent jew tbatija.

Ma jistax jinghad lanqas li, fic-cirkostanzi, ma hux ragonevoli li jinzamm fis-sehh il-mandat (raguni li skond l-artikolu 836(1)(f) jista' jaghti lok ghar-revoka tal-mandat), ghax meta tqies li r-rikorrent ghaddej f'kawza ta' separazzjoni minn ma martu li, *da parti* taghha, issekwestratlu l-flus kollha li hu ghandu depozitati fil-banek, huwa zgur ragonevoli li din il-vettura tibqa' tikawtela l-pretensjonijiet tal-kreditur.

L-oggett elevat bis-sahha tal-indikat mandat lanqas ma hu wiehed min dawk l-oggetti li, skond l-artikolu 304 tal-imsemmi Kap. 12, m'humiex suggetti ghall-qbid.

Vettura ma tistax titqies bhala *"ghamara … mehtiega ghall-ghajxien b'mod dicenti tad-debitur u tal-familja tieghu".* Jidher car li din l-eskluzzjoni hija applikabbli biss ghall-ghamara u affarijiet li wiehed soltu jsib f'dar ta' residenza, u mhux ghal affarijiet ohra.

Ma giex muri lanqas x'inhu il-bzonn *"disprat"* li r-rikorrenti jkollu karozza l-hin kollu f'idejh; qal li jrid il-vettura ghall-uliedu, izda x'inhu *"l-bzonn"* impellenti ta' uliedu, ma jindikax; il-qadi gornalier zgur li jista' jsir, kif isir min hafna nies, bl-uzu tal-karozzi tal-linja.

Ir-rikorrenti jissottometti li ghandu garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni tal-intimata, u jaghmel riferenza ghall-*garage* li hu xtara fl-1985 u li jghid li hi proprjeta' parafernali tieghu. F'kaz, *pero'*, li tigi offerta proprjeta' immobbli bhala garanzija, ir-rikorrent irid iressaq hafna aktar provi milli biss kopja tal-kuntratt tal-akkwist. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Mule' Stagno vs Demicoli", deciza fit-2 ta' Frar, 2006, *"Mar-rikors taghhom, ir-rikorrenti, pero', ma ressqu ebda dokument, stima jew prova ohra li jindikaw il-valur ta' din l-art u jekk l-art hijiex hielsa minn pizijiet jew drittijiet ta' terzi. Il-procedura taht l-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta hija intiza bhala procedura spedjenti, u fir-rikors promotorju hu mistenni li r-rikorrenti jelenka b'mod precis x'inhi l-garanzija alternattiva, u l-valur u l-istat taghha, biex il-Qorti, wara li tisma' l-partijiet, tkun tista' tghaddi ghad-decizjoni taghha; altrimenti, dawn il-proceduri jintilfu f'bir*

*bla qiegh ta' provi, bil-kawza titwal daqs jekk mhux aktar mill-kawza fil-meritu. Jekk debitur qed jofri proprjeta' immobbli bhala garanzija ghandu, mar-rikors, jressaq deskrizzjoni u stima tal-proprjeta' minn perit kwalifikat, ir-ricerki dwar trasferimenti u djun tal-istess debitur, u, tal-anqas, affidavit li fih d-debitur jispjega l-istat tal-proprjeta' u jikkonferma li mhux milquta b'xi drittijiet personali ta' terzi. Ir-rikorrenti, f'dan il-kaz, m'ghamlu xejn minn dan, u mhux mistenni li l-Qorti toqghod tistenna l-kumdita' taghhom sakemm jigbru l-provi necessarji. Il-ligi trid li dan ir-rikors jigi appuntat u trattat b'urgenza, u min iressaq talba taht l-art. 836 tal-Kap. 12 irid ikun ippreparat bil-provi lesti f'idejh!"*

Anke f'dan il-kaz, ir-rikorrenti naqas li jressaq provi biex juri li l-garanzija li qed jofri hija *"xierqa"* fis-sens aktar qabel indikat.

*Kwindi,* ma irrizultax li r-rikorrent issodisfa xi wahda mir-ragunijiet kontemplati fil-ligi ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------